FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar, 2002**

**Numru 5**

**Avviz. numru 1393/01JR**

**Mizzi Finance Limited**

**vs**

**Maria Anna sive Miriam Coleiro**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija sebgha u ghoxrin lira Maltija, oltre l-imghax legali, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-konvenuta skond kambjali ffirmati mill-istess konvenuta favur ta' Mizzi Antiques Limited, ghall-hlas ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta liema kambjali gew girati a favur tas-socjeta` attrici mis-socjeta` Mizzi Antiques Limited u liema kambjali huma kollha skaduti.**

**Il-hlas hawn fuq imsemmi baqa' ma thallasx minkejja illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali prezentata fil-Qorti tal-Magistrati, fit-3 ta' Settembru, 2001.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fid-29 ta' Novembru, 2001, fejn intqal illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut; u illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fil-ligi. L-eccipjenti m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Tabone. Il-konvenut baqa' ma gabx provi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi skond ma xehed Joseph tabone, direttur tas-socjeta` attrici, fl-1998/1999, il-konvenuta hadet "wine-rack" u soda b'valur ta' erba' mija u disgha u sittin lira Maltija (Lm469.00), kienet taght hamsin lira deposit u wara hallset mitt lira ohra.**

2. **Kien ghad hemm il-bilanc ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltija (Lm319.00) oltre "charges" u imghax. Il-konvenuta kienet iffirmat il-kambjali fl-ammont ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm327.00). Jirrizulta li il-kambjali ma gewx onorati, u kienu pagabbli lis-socjeta` attrici. Il-konvenuta ma gabet ebda prova dwar li ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici, anzi jirrizulta l-oppost.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm327.00) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**